# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2001

Rikors numru 509/01 AJM

Kawza numru 23

Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 509/01 presentat fit-23 ta' Frar 2001 fl-ismijiet:-

Kalcidon u Maris konjugi Muscat

Vs

Clement Gauci kemm f'ismu proprju kif ukoll in rappresentanza tas-socjeta' Maclem Ltd; l-Awtorita' tal-Ippjanar u d-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li permezz tieghu il-konjugi Muscat talbu li jinhareg mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex dawn jigu mizmuma milli jkomplu jahdmu, jwittu, jhammlu u jghaddu t-triq ppjanata li tizbokka minn Triq Jannara ghal fuq Triq Dun Karm, B'Kara u dana billi tali triq kienet ser

tippregudika d-dritt ta' access taghhom ghal gewwa il-proprjeta' taghhom.
Rat ir-risposti tal-intimati.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2001 meta r-rikorrenti rrinunzjaw ghat-talba taghhom kontra l-intimati Clement Gauci u s-socjeta' Maclem Ltd.

Ikkunsidrat:-

Ir-rikorrenti qed isostnu li fil-5 ta' Lulju 1989 huma kienu akkwistaw proprjeta' gewwa B'Kara li kienet tikkonfina ma trid progetta u anke xtraw nofs indiviz tal-imsemmija triq progetta. Illi sussegwentement u cioe fin 1992 gew approvati t-Temporary Provisions Schemes mill-Ministru responsabbli, u b'dawn l-iskemi l-godda, t-triq kif originarjament ippjanata giet spustjata aktar l-isfel b'mod li ma kienx ser ikollhom aktar access ghal proprjeta' taghhom.

L-Awtorita' tal-Ippjanar qed isostni li hija ma ghandha x'taqsam xejn ma din il-kwistjoni billi t-Temporary Provisions Schemes gew approvati qabel ma l-istess Awtorita' giet kostitwita bl-Att Nru I ta' l-1992. Fatt dan rikonoxxut mill-istess rikorrenti kif jidher fir-rikors promotur. Ghalhekk in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 63 (2) proviso (iv) tal-Att kostitutiv, dak it-Temporary Provisions Scheme li jkun fis-sehh qabel il-bidu fis-sehh tal-istess Att "ghandu jibqa' operattiv u jkollu effett bhallikieku kien pjan ta' zvilupp maghmul taht dan l-Att". Isegwi skond l-istess Awtorita' li ma kien jehtieg ebda permess biex tinfetah it-triq stante li din kienet diga ppjanata b'decizjoni tal-Parlament.

Id-Direttur tad-Dipartiment tat-Toroq, li jammetti li x-xogholijiet in kwistjoni qed isiru taht id-direzzjoni tieghu, sostna li dawn ix-xogholijiet huma ezegwiti abbazi tal-iskemi sottomessi da parti tal-Awtorita' tal-Ippjanar u fuq il-livelli ufficjali kif mahruga mill-istess Awtorita'. Inoltre gie sottomess li ebda decizjoni Ministerjali ma bidlet l-iskemi originali stante li dawn jaqghu taht il-mansjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda mismuha u d-dokumenti ezebiti jirrizulta li fl-1981 kienet giet progettata triq li twassal minn Triq Dun Karm sa Triq Jannara f'B'Kara. Dan il-progett izda gie ffrizat b'ordni Ministerjali fl-1988 u l-fuq l-art ma kienx hemmpermess zvilupp. Ir-rikorrenti akkwistaw l-proprjeta' taghhom f'Lulju 1989 u cioe wara li l-progett originali kif mfassal fl-1981, kien gie ffrizat pendenti decizjoni tal-Parlament meta hargu t-Temporary Provisions Schemes. Gara li b'decizjoni tal-Parlament tal-1992 gie deciz li t-triq gdida kellha tghaddi minn fejn qed issir llum u dana wara li l-pubbliku, b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Gunju 1991 kien gie mitlub mil-Planning Services Division tad-Dipartiment Tax-Xogholijiet fil-Ministeru ghall-Izvilupp ta' l-Infrastruttura, jaghmel s-sottomissjonijiet tieghu dwar "*l-allinjamenti fl-arei li huma l-gewwa mill-limiti temporanji ghall-izvilupp izda s'issa baqghu iffrizati u markati ghall-ippjanar gdid*".

Fis-sitwazzjoni presenti ghalhekk jidher li r-rikorrenti huma rinfaccati b'Att tal-Parlament li stabilixxa t-Temporary Provisions Schemes li jorbtu lill-Awtorita' tal-Ippjanar kif gie sottomess mill-istess Awtorita' u li jistabilixxu l-allinjament tat-toroq fil-konfront tal-intimat Direttur

tad-Dipartiment tat-Toroq. Isegwi li r-rikorrenti prima facie ma ghandu ebda kaz kontra l-intimati u ghalhekk it-talba taghhom ma tistax tirnexxi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes.

Onor Imhallef Albert J. Magri